

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6196 – Lenovo/Medion)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 187/15)

1. Fil-20 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Lenovo Group Limited ("Lenovo", iċ-Ċina) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Medion AG ("Medion", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Lenovo: desktop u notebook PCs, servers, drivers tal-ħażna; software għall-ġestjoni tal-IT; Servizzi tal-IT,
  - għal Medion: tagħmir elettroniku għall-konsumaturi privati, b'mod partikolari desktop u notebook PCs, telefowns, mezzi tan-navigazzjoni, televixins; software; servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6196 – Lenovo/Medion, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").